IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, l-20 ta' Novembru 2018**

## Id-Direttiva tal-UE tal-2007 dwar l-Għargħar b'mod ġenerali kellha effetti pożittivi, iżda issa jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni, iwissu l-awdituri

**Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-Direttiva tal-UE tal-2007 ppermettiet li jseħħ progress fil-valutazzjoni tar-riskji ta' għargħar, iżda issa jenħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-protezzjoni kontra l-għargħar. L-awdituri jwissu li għad fadal sfidi sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-integrazzjoni sħiħa tat-tibdil fil-klima, tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar u tal-ippjanar spazjali fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar. Huma jikkritikaw id-dgħufijiet fl-allokazzjoni tal-finanzjament.**

Mill-1985 'l hawn, l-avvenimenti ta' għargħar fl-Ewropa saru aktar frekwenti. F'dawn l-aħħar snin, ix-xejra turi li l-ammont ta' każijiet ta' għargħar irreġistrati, li seħħew għall-għarrieda u b'kobor minn medju sa kbir, kienu aktar mid-doppju meta mqabbel mal-każijiet irreġistrati lejn l-aħħar tas-snin tmenin. Billi l-klima qed tinbidel, l-UE qed tesperjenza xita aktar qawwija, maltempati aktar ħorox u żieda fil-livelli tal-baħar. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-konsegwenzi tal-għargħar mix-xmajjar, mix-xita u kostali fl-Ewropa, b'mod ġenerali, se jaggravaw b'riżultat taż-żidiet fl-intensità u fil-frekwenza tal-għargħar, kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak reġjonali. Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u riċerki oħra jindikaw li x'aktarx l-avvenimenti ta' xita fl-Ewropa se jsiru aktar qawwijin, u l-livelli tal-baħar se jkomplu jogħlew. Ir-riċerki juru li l-ħsara kkawżata minn għargħar tista' tiżdied għal EUR 20 biljun kull sena sas-snin 2020, EUR 46 biljun kull sena sas-snin 2050, u EUR 98 biljun kull sena sas-snin 2080.

L-awdituri vverifikaw jekk il-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' tħejjija għall-għargħar implimentati fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Għargħar, kinux ibbażati fuq analiżi soda, u jekk l-approċċ meħud kienx se jkun effettiv. L-awdituri wettqu żjarat fi tmien Stati Membri - is-Slovenja, l-Italja, Spanja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, u n-Netherlands, biex janalizzaw proġetti relatati mal-baċir tax-xmara.

*"Fir-rigward tal-integrazzjoni sħiħa tat-tibdil fil-klima, l-assigurazzjoni kontra l-għargħar u l-ippjanar spazjali fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar għad fadal sfidi sinifikanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-futur. L-għargħar jista' jikkawża korrimenti, telf ta' ħajja, spejjeż ekonomiċi konsiderevoli, kif ukoll ħsara lill-ambjent u l-wirt kulturali,"* **qal Phil Wynn Owen, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**. *"Aħna sibna li, b'mod kumplessiv, id-Direttiva tal-UE tal-2007 dwar l-Għargħar kellha effetti pożittivi, iżda l-pjanijiet tal-implimentazzjoni kienu jippreżentaw ċerti dgħufijiet fl-allokazzjoni tal-finanzjament."*

L-awdituri sabu li d-Direttiva tejbet il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tar-rwol superviżorju u ta' monitoraġġ, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki ta' din tal-aħħar. Huma sabu li l-Istati Membri kollha li saritilhom żjara bdew l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar, iżda jeħtieġ li jsir titjib. L-azzjoni relatata mal-għargħar għandha ċerti dgħufijiet fl-allokazzjoni

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

ta’ fondi: fil-pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta’ għargħar tal-Istati Membri, is-sorsi ta’ finanzjament kienu identifikati u żgurati biss parzjalment, il-finanzjament għall-investiment transkonfinali kien limitat, u b’mod ġenerali l-flus ma kinux allokati f’konformità mal-prijoritajiet. F’distrett partikolari tal-baċir tax-xmara, l-awdituri stmaw diskrepanza ta’ aktar minn EUR 1.1 biljun bejn l-infiq ippjanat u l-finanzjament disponibbli.

Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri użaw analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji sabiex jiksbu l-aħjar valur għall-flus minn proġetti relatati mal-għargħar, iżda l-awdituri sabu dgħufijiet fl-użu tagħha. Il-pjanijiet ta’ żewġ terzi tal-Istati Membri ma kinux jiffukaw fuq proġetti ta’ infrastruttura ekoloġika, li huma mezz kosteffiċjenti biex jitnaqqas ir-riskju ta’ għargħar. Stat Membru partikolari ppjana li juża infrastruttura griża magħmula mill-konkrit biex jirrinforza sitt kilometri mix-xatt tax-xmara, mingħajr ma qies soluzzjonijiet ekoloġiċi.

L-awdituri jwissu li f’dak li jirrigwarda l-integrazzjoni sħiħa tat-tibdil fil-klima għad fadal sfidi sinifikanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-futur, tas-sistemi tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar u tal-ippjanar tal-użu tal-art fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar. Pereżempju, l-Istati Membri li saritilhom żjara ma setgħux iqisu l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq il-kobor, il-frekwenza u l-post tal-għargħar. Barra minn hekk, ġeneralment huma jużaw *data* storika, li għandha riskju li ma tirriflettix il-kundizzjonijiet futuri tat-temp jew il-bidliet potenzjali fil-frekwenza u s-severità tal-għargħar.

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tivverifika li l-Istati Membri jtejbu l-obbligu ta’ rendikont permezz ta’ objettivi kwantifikabbli u marbutin biż-żmien għall-azzjoni relatata mal-għargħar fil-pjanijiet tagħhom tar-riskju ta’ għargħar;

- teżamina jekk l-Istati Membri jidentifikawx riżorsi ta’ finanzjament biex ikopru l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-pjanijiet tar-riskju ta’ għargħar, u tistabbilixxi skedi ta’ żmien rilevanti, inkluż għal azzjoni transkonfinali fil-baċiri tax-xmajjar internazzjonali;

- tikkofinanzja biss miżuri prijoritizzati fuq il-bażi ta’ kriterji oġġettivi u rilevanti, bħal analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u, fejn ikun rilevanti, valutazzjoni tal-impatti transkonfinali;

- tirrinforza l-konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għal infrastruttura ġdida kontra l-għargħar identifikata fi ħdan il-pjanijiet tar-riskju ta’ għargħar tal-Istati Membri;

- tivverifika jekk l-Istati Membri jkunux eżaminaw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta’ miżuri ekoloġiċi sinifikanti kull meta huma jitolbu fondi tal-UE għal infrastruttura ġdida proposta kontra l-għargħar;

- tivverifika li l-pjanijiet tar-riskju ta’ għargħar tal-Istati Membri jinkludu miżuri biex itejbu l-għarfien u l-għodod meħtieġa għall-fehim tal-impatt tat-tibdil fil-klima, inklużi għargħar għall-għarrieda u ż-żieda fil-livelli tal-baħar, u li huma jintegraw aħjar l-effetti tat-tibdil fil-klima fl-immaniġġjar tar-riskju ta’ għargħar;

- tivverifika jekk l-Istati Membri ppjanawx azzjoni biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-benefiċċji tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar u żżid il-kopertura tagħha;

- tivverifika li l-Istati Membri jkunu użaw il-pjanijiet tagħhom tar-riskju ta’ għargħar biex jiġi vvalutat il-punt sa fejn ir-regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art jkunu ġew imfassla u infurzati b’mod adegwat f’żoni li jinsabu f’riskju ta’ għargħar.

**Noti lill-Edituri**

L-azzjoni ta' emerġenza u ta’ rkupru li tirrigwarda l-għargħar kienet eskluża mill-ambitu ta’ dan l-istudju. Hija ma tinsabx taħt il-mandat tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

Il-QEA se tippubblika rapport speċjali dwar id-deżertifikazzjoni fl-UE f’qasir żmien.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti

tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 25/2018 "Direttiva dwar l-Għargħar: inkiseb progress fil-valutazzjoni tar-riskji, iżda jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.